# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Maħluf Numru 422/2020 NC**

**Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali**
**bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**

**vs.**

**Antonia Attard Gialanze'**
**u**
**AAG Limited C13399 kif rappreżentata minn**
**Antonia Attard Gialanze' għal finijiet ta' dawn il-proċeduri**

Illum is-sebgħa (7) ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2020 li jgħid hekk:

*"1. Illi permezz ta' rikors intavolat mill-Perit Tekniku Mario Cassar fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Joseph u Francesca konjuġi Ghiller vs AAG Limited u Antonia Attard Gialanze (Rik. Ġur. Nru. 1086/12 AF) huwa issottometta illi kien ġie nominat mill-Qorti sabiex jirrelata fil-kawża hawn riferuta b'Digriet tat-18 ta' Ġunju 2014.*

*2. Illi waqt l-aċċess tas-27 ta' Jannar 2015 l-istess Perit ħa konjizzjoni ta' struttura tal-injam li qed iżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' intimata u kkonstata li tali struttura hija perikolanti.*

*3. Illi permezz ta' Digriet tal-Qorti waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2015 din l-Onorabbli Qorti ordnat illi "Fi żmien ħmistax-il ġurnata millum titneħħa l-istruttura tal-injam li qed iżżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' konvenuta...".*

*4. Illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016 il-Qorti reġgħet insistiet mal-intimati biex jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tagħha mogħtija fil-kawża u fin-nuqqas jiġu inizzjati proċeduri għad-disprezz.*

*5. Illi l-intimati baqgħu jinjoraw l-ordni tal-Qorti u permezz ta' Digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2018 din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-esponenti sabiex jipproċedi bil-proċedura ta' disprezz kontra l-intimati. (kopja tad-Digriet qeda hawn annessa bħala Dok. A).*

*6. Illi għalhekk in adempiment ma' dik l-ordni l-esponenti qed jintavola dan ir-rikors ġuramentat.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost, jgħidu l-intimati jew min minnhom għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna illi:*

*1. Issib lill-intimati jew min minnhom ħatja ta' disprezz kontra l-awtorita' tagħha ai termini tal-Artikolu 997 u 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-pieni ndikati fl-istess artikolu u tikkundannah għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2,330) jew għall-multa u priġunerija flimkien;*

*3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimati jew min minnhom ai termini tal-Artikolu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet għandhom jiġu sodisfatti;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-liġi."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta Antonia Attard Gialanze'[1] u s-soċjeta' konvenuta AAG Limited (*a fol.* 14) ippreżentata fil-11 ta' Frar 2021 fejn jingħad hekk:

*"(1) Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ordni maħruġa lill-intimata ma kenitx korretta u skond il-liġi stante illi Antonia Perini żżewwġet fit-18 ta' Ottubru 2015 biex għalhekk l-ordni li ħarġet lil Antonia Attard Gialanze' hija nulla u bla effett fil-liġi.*

*(2) Illi bla preġudizzju għal permess, dak kollu li kellu jitneħħa ossija l-istruttura tal-injam li żżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin ta' AAG Limited tneħħa u m'għadux jeżisti kif għad jirriżulta mill-provi skond set ritratti hawn annessi u mmarkati bħala dokumenti AP1 u AP2.*

*(3) Illi hija għalhekk m'għandhiex tiġi kkundannata li hija ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha stante li kull ma kellu jsir, sar ai termini tal-liġi.*

*(4) Salv eċċezzjonijiet oħra."*

[1] Il-Qorti tinnota li fir-Risposta Maħlufa l-konvenuta Antonia Attard Gialanze' tgħid li llum kunjomha huwa "Perini".

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ, inkluż l-atti tar-Rikors Maħluf bin-Numru 1086/2012 AF li, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021 (*a fol.* 41), ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-attur u rat l-affidavit ippreżentat mill-konvenuti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 63 *et seq.*) ippreżentata mill-attur id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur Qrati, Ċivili u Tribunali fil-25 ta' Frar 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 69 *et seq.*) ippreżentata mill-konvenuta Antonia Attard Gialanze'[2] u s-soċjeta' konvenuta AAG Limited fid-19 ta' April 2022.

Semgħet, fis-seduta tat-28 ta' April 2022 (*a fol.* 75), lill-konsulenti legali tal-partijiet jinfurmaw lill-Qorti li l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni, il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tibda billi tagħmel riferenza għall-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Ghiller et vs. AAG Limited et** (Numru 1086/2012 AF), liema atti ġew allegati mal-kawża odjerna, u dana sabiex jinftiehem mod ċar l-iter li wassal għall-proċeduri odjerni.

Illi mill-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joseph Ghiller et vs. AAG Limited et** (Numru 1086/2012 AF) jirriżulta s-segwenti:

- Fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2014 (*a fol.* 102 u 103 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), il-Qorti diversament preseduta nnominat lil Perit Mario Cassar:

[2] Il-Qorti tinnota li f'din in-Nota ta' Sottomissjonijiet ġie ndikat li n-Nota kienet ta' "Antonia Perini ġja Attard Gialanze' u AAG Limited C-13399 kif rappreżentata minn Antonia Perini ġja Attard Gialanze' għal finijiet ta' dawn il-proċeduri."

*"biex jirrelata dwar din il-kawża, b'dana illi hu għandu jagħmel aċċess malajr kemm jista' jkun, u jekk jirriskontra sitwazzjoni ta' perikolu, għandu jinforma lil Qorti minnufih, spejjeż provviżorjament tar-rikorrenti."*

- F'Rikors ippreżentat mill-Perit Mario Cassar fit-30 ta' Ġunju 2015 (*a fol.* 147 u 148 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), il-Perit Cassar qal, fost l-oħrajn, hekk:

  *"Illi waqt l-aċċess tas-27 ta' Jannar 2015, l-esponent ħa konjizzjoni ta' struttura tal-injam li qed iżżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' konvenuta. L-esponent ikkonstata illi din l-istruttura hija perikolanti, speċjalment fil-każ ta' riħ qawwi."*

- Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-Perit Mario Cassar, il-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll Ghiller, il-Qorti diversament preseduta ordnat is-segwenti:

  *"Il-Qorti tordna illi fi żmien ħmistax il-ġurnata millum titneħħa l-istruttura tal-injam li qed iżżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' konvenuta', u dan peress illi skond ma' diġa' rrelata l-perit tekniku, din l-istruttura hija perikolanti."*

- Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 181 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), liema seduta nżammet quddiem il-Perit Tekniku Mario Cassar, ġie vverbalizzat, fost l-oħrajn hekk:

  *"Dr. Abigail Critien għar-rikorrenti tirrileva illi minkejja d-digriet tal-Qorti tat-8 ta' Ottubru 2015 u li permezz tiegħu l-intimata ġiet ordnata tneħħi l-istrutturi perikolużi fil-proprjeta' tagħha flimkien mal-qafas u t-terminu li tat il-Qorti biex isir dan, dawn għadhom ma tneħħewx minkejja li għaddew wieħed u għoxrin ġurnata, bir-riżultat illi l-periklu kompla jikber.*

  *Dr. Zammit għall-konvenuta jirrileva illi l-istess konvenuta qed tirregola ruħha dwar id-digriet imsemmi."*

- Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 205 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Il-Qorti terġa tinsisti ma' l-istess intimati biex jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tagħha mogħtija f'din il-kawża, fin-nuqqas jiġu inizjati proċeduri għal disprezz."*

- Fis-seduta tat-12 ta' April 2016 (*a fol.* 207 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti u l-intimata f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Dr. Toni Abela, in vista tad-digriet mogħti f'din il-kawża għat-tneħħija ta' corrugated sheets, jattira l-attenzjoni tal-Qorti, kif diġa sar permezz ta' rikorsi, illi dan id-digriet jinċidi fuq it-tieni talba attriċi, u li allura parti mill-mertu jidher illi ġie eżawrit, jew id-difiża tal-konvenut kompromessa. Illi in vista ta' dan, il-konvenuta qegħda titlob ir-rikuża tas-Sinjura Imħallef, a bażi tal-Art. 734(d)(1) u (2). Il-konvenuta qed tagħraf wkoll illi imminentement ser tippreżenta Rikors Kostituzzjonali peress li qed tippretendi li d-dritt tagħha kif imħarsa fl-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u Art (1) tal-Konvenzjoni, kif ukoll tal-Art. 1 tal-Protokoll Numru 1 ta' l-istess Konvenzjoni".*

- B'digriet mogħti fit-12 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 221 *et seq.* tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), il-Qorti diversament preseduta ċaħdet it-talba għar-rikuża.

- Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 224 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Ir-rikorrenti preżenti fl-awla jinforma lil Qorti li b'referenza għal ordni tal-Qorti kontenuta f'digriet preċedenti, baqgħu ma saru ebda xogħolijiet skont kif ssuġerixxa il-Perit biex jitneħħa l-periklu.*

  *Il-Qorti tirriserva li tipprovdi in camera fir-rigward."*

- Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 233 u 234 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) ingħata digriet fejn il-Qorti diversament preseduta ċaħdet talba sabiex il-kawża msemmija tissoprasjedi sakemm tingħata deċiżjoni definittiva fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **Antonia Attard Gialanze' pro et noe vs. Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja et** (Numru 38/2016).

- Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2018 (*a fol.* 352 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Dr. Critien tiddikjara li minkejja l-ordnijiet ta' din il-Qorti l-intimata għadha ma ħaditx ħsieb tneħħi l-periklu u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tordna illi l-istess intimati jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet preċedenti tagħha u fin-nuqqas il-Qorti tirriżerva li tipproċedi dwar disprezz."*

- Fis-seduta tal-11 ta' April 2018 (*a fol.* 356 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Dr. Abigail Critien għar-rikorrenti tirrileva, li minkejja diversi ordnijiet minn din l-Onorabbli Qorti sabiex l-intimati jneħħu l-fdewwex li huma fi stat ta' perikolu, dan baqa' ma sarx, u għalhekk l-istess rikorrenti qegħdin jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jagħmlu tali xogħolijiet huma stess, jekk ikun hemm bżonn bil-presenza tal-Pulizija, u naturalment a spejjeż ta' l-istess intimati."*

- B'digriet[3] mogħti waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 365 *et seq.* tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet, il-Qorti diversament preseduta ddegretat hekk:

[3] Kopja ta' din id-digriet ġie mmarkat bħala Dok. "A" u jinsab anness mar-Rikors Maħluf (*a fol.* 4 *et seq.*).

*"Fiċ-ċirkostanzi, għaldaqstant il-Qorti tqis li dan kollu jista' jammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tagħha u a tenur tal-Art. 1003A tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:*

*"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, f'kull proċediment għal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jibda, kif jiġi ordnat mill-Qorti, il-proċedimenti meħtieġa u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi huwa għandu jitqies bħala l-attur."*

*Tordna lir-Reġistratur jipproċedi kontra Antonia Attard Gialanze' u AAG Limited a tenur tal-fuq ċitat artikolu."*

- B'digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju 2018 (*a fol.* 368 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li deher ir-rikorrenti f'dik il-kawża assistit mill-konsulent legali tiegħu, il-Qorti diversament preseduta filwaqt li għamlet riferenza għat-talba kif verbalizzata fis-seduta tal-11 ta' April 2018, ddegretat hekk:

  *"Tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti jesegwixxi huwa stess a spejjeż tal-intimati ix-xogħolijiet rimedjali ta' natura urġenti jekk ikun hemm ħtieġa ukoll qed jiġi awtorizzat jikseb l-assistenza tal-Pulizija."*

- Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 369 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), għal liema seduta jirriżulta li dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll ir-rikorrenti f'dik il-kawża, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, is-segwenti:

  *"Il-Qorti qeda tiġi nfurmata li l-fdewwex li dwarhom kien hemm numru ta' rikorsi u li l-attur ġiet awtorizzat ineħħi, a spejjeż tal-intimati, fil-mori tad-differiment ġew imneħħija mill-istess attur, kif awtorizzat."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser issa tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021, xehed **Joseph Ghiller** (*a fol.* 43 *et seq.*) fejn jgħid li fil-kawża li nqatgħet favur tiegħu l-konvenuta kellha tneħħi l-balavostri bil-permess tal-Perit Mario Cassar. Jgħid li darba fost l-oħrajn, mingħajr ħadd ma kien informah, sab ħaddiema li qabdu jaqalgħu l-balavostri u spiċċaw waqqgħu affarijiet fil-*pool* tiegħu. Jixhed li ċempel lill-avukata tiegħu li qaltlu biex jagħmel rapport lill-Pulizija. Jixhed li l-Perit Mario Cassar ma kienx preżenti waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet imsemmija u dana minkejja li kellu jkun preżenti waqt li jinqalgħu l-balavostri. Eżebixxa: ritratti (Dok. "JG 1" u "JG 2" –*a fol.* 46a u 47), rapport tal-Pulizija (Dok. "JG 3" – *a fol.* 48 *et seq.*) u żewġ dokumenti oħra li ġew immarkati bħala Dok. "JG 4" u Dok. "JG 5" (*a fol.* 50 *et seq.*).

In <u>kontro-eżami</u> mistoqsi jgħid jekk hux minnu li skont is-sentenza l-konvenuta kellha taqla' l-balavostri u hi hekk għamlet, wieġeb: *"Imma fil-preżenza tal-perit"* (*a fol.* 45).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021, xehed ukoll il-**Perit Mario Cassar** (*a fol.* 52 *et seq.*) fejn jgħid li huwa rrediġa rapport u ppreżentah fil-kawża bin-Numru 1086/2012 AF. Jgħid li mar tliet darbiet fuq il-post fil-Kalkara: darbtejn fis-sena 2015 u darba fis-7 ta' Settembru 2021. Eżebixxa żewġ ritratti li ġew immarkati bħala Dok. "MC 1" u Dok. "MC 2" (*a fol.* 56 *et seq.*) u dana sabiex juri l-varjazzjonijiet li saru bejn l-aċċess li nżamm fis-27 ta' Jannar 2015 u dak li nżamm fis-sena 2021. Jispjega li, meta oriġinarjament kien mar fuq is-sit, kien sab li kienu nbnew xi balavostri u kien hemm ukoll xi tegole li kienu perikolużi u li dawn kienu jisporġu *oltre* l-linja tal-ħajt tal-appoġġ. Jgħid li huwa kien fassal numru ta' rakkomandazzjonijiet u t-tieni rakkomandazzjoni kienet tirrigwarda t-tegole li kienu jestendu għal fuq il-proprjeta' tal-konjugi Ghiller u kienu wkoll jidderieġu l-perkolazzjoni tal-ilma għal fuq il-proprjeta' ta' dawn ta' l-aħħar. Ikompli jispjega li kien hemm kwistjonijiet dwar jekk l-ewwel sular tal-fond tal-konvenuta kienx inbena illegalment. Jgħid li reġa' mar fuq is-sit fil-21 ta' Settembru 2021 meta ngħata aċċess għas-sit u dana minkejja li pprova jmur numru ta' drabi oħra. Meta ġie muri Dok. "A" (*a fol.* 4 *et seq.*) jikkonferma li huwa kien ġie ordnat jagħmel aċċess b'urġenza minħabba li kien qed jingħad li kien hemm xi strutturi

perikolanti. Jgħid li huwa kien irrelata li t-tegole kellhom jitneħħew sa ħmistax il-jum mit-8 ta' Ottubru 2015. Jikkonferma li dawn tneħħew iżda ma jidhirlux li tneħħew fi żmien ħmistax il-ġurnata kif ordnat. Jgħid ukoll li ma jidhirlux li l-ordni tal-Qorti ġiet obduta fi żmien mogħti mill-Qorti.

In <u>kontro-eżami</u> jikkonferma li huwa mar fuq is-sit waqt il-kawża u fil-21 ta' Settembru 2021 u għad-domanda: *"mela ma tistax tgħid illi dawn il-proġetti ma tneħħewx fil-frattemp hux hekk, inkun korrett?"* (*a fol.* 55), wieġeb: *"Ma nistax ngħid mija fil-mija li tneħħew jew ma tneħħewx fil-frattemp"* (*a fol.* 55). Għad-domanda: *"meta mort int issa l-aħħar waħda, naqblu illi l-balavostri u l-fdewwex tneħħew?"* (*a fol.* 55), wieġeb: *"Jirriżulta, l-istat ta' fatt jirriżulta mir-ritratt li ppreżentajt lis-Sinjurija Tiegħu datat Settembru ta' din is-sena"* (*a fol.* 55). Għad-domanda jekk wara s-sentenza tneħħewx ix-xogħlijiet, wieġeb li bħala stat ta' fatt jirriżulta li l-fdewwex tneħħew. Għad-domanda: *"Qabel ma mort inti x-xogħlijiet saru skont is-sengħa u l-arti kif ordnat il-Qorti u skont ir-rapport tiegħek?"* (*a fol.* 55), wieġeb: *"Eżattament, tneħħew il-balavostri u tneħħiet l-istruttura li kienet qed iżżomm il-fdewwex u l-fdewwex"* (*a fol.* 55).

Illi, fid-29 ta' Novembru 2021, ġie ppreżentat affidavit tal-kovenuta li ndikat isimha bħala **Antonia Perini [gja Attard Gialanze']** (*a fol.* 58 *et seq.*) fejn tgħid li hija dejjem obdiet l-ordnijiet tal-Qorti u tal-Qorti tal-Appell bis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ghiller et vs. AAG Limited et** (Numru 1086/12 AF) deċiża fl-1 ta' Lulju 2020 li tgħid tinsab fi stadju ta' appell. Tgħid li hija qatt ma waqqfet lil Ghiller milli jwettqu x-xogħlijiet fil-post tagħha u li kellhom jiġu mwettqa taħt is-superviżjoni tal-Perit Mario Cassar. Tispjega li kull darba li l-perit innotifikaha biex jagħmel l-ispezzjoni, hi dejjem laqgħatu u fetħitlu. Tgħid ukoll li l-Perit Cassar kellu jmur fuq is-sit tliet darbiet u mar biss l-aħħar darba meta hija kienet diġa' wettqet xi xhur qabel ix-xogħlijiet li ġiet ordnata tagħmel mill-Qorti peress li beżgħet li kienet ser tkun responsabbli jekk dawn ix-xogħlijiet ma jsirux. Tgħid li meta l-Perit Mario Cassar xehed fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2021 huwa kkonferma li x-xogħlijiet li hi għamlet qabel ma huwa ma mar fuq il-post saru skont is-sengħa u l-arti u ma kienux kif qed jallegaw l-atturi illi ma kienux tajba. Tistqarr: *"ma nistax nifhem kif jien għandi niġi misjuba responsabbli għal disprezz meta*

*jiena x-xogħlijiet għamilthom qabel ma ġie l-Perit Mario Cassar skont is-sengħa u l-arti, kif jmiss, biex żgur nottempera lili nnifsi mad-digrieti ta' din l-Qorti"* (*a fol.* 59). Tisħaq li l-kawża odjerna hija għalxejn u turi l-animu tal-ġirien tagħha li jridu jagħlqulha t-tieqa li, skontha, kienet ilha miftuħa mis-sena 1938. Tilmenta li hija kienet ċemplet lill-perit biex jara li żarmat il-ħajt pero' hu ma setax imur u li l-appuntament biddlitu tliet darbiet. Tikkonferma li l-Perit Mario Cassar mar tliet darbiet fuq il-post pero' tispeċifika li mar darbtejn għand Ghiller u darba għandha sabiex jara x-xogħlijiet li kienu saru. Tistaqsi x'tort għandha hi li l-perit ma marx jara x-xogħlijiet qabel. Tgħid li għaliha l-importanti hu li obdiet il-Qorti u qalgħet il-ħajt fit-terminu li tagħtha l-Qorti. Tgħid: *"Mhux ser [recte: sew] li n-nuqqas ta' ħaddieħor jintefa' fuqi meta jiena neħħejt l-ħajt fiż-żmien meta l-Qorti ordnatli biex nagħmel dan"* (*a fol.* 59).

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawża hija kawża li tirrigwarda talbiet dwar dak li jingħad li hu disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti fejn:

- *ai termini* ta' digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru 2015 minn din il-Qorti diversament preseduta (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) ġie ordnat is-segwenti:

  *"Il-Qorti tordna illi fi żmien ħmistax il-ġurnata millum titneħħa l-istruttura tal-injam li qed iżżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' konvenuta', u dan peress illi skond ma' diġa' rrelata l-perit tekniku, din l-istruttura hija perikolanti"*;

- fis-17 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 205 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) din il-Qorti diversament preseduta nsistiet mal-konvenuti sabiex jottemperaw ruħhom ma' l-ordni tagħha;

- *ai termini* ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 365 *et seq.* tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF), il-Qorti diversament preseduta ddegretat li minħabba li qieset li seta' kien hemm il-presupposti sabiex jittieħdu proċeduri ta' disprezz kontra l-konvenuti ordnat lir-Reġistratur sabiex jibda tali proċeduri *a tenur* tal-Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in segwitu tad-digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2018, l-attur ippreżenta l-kawża odjerna fejn talab li l-Qorti:

- issib lill-konvenuti jew min minnhom ħatja ta' disprezz *ai termini* ta' Artikoli 997 u 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-pieni ndikati f'Artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

- timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq il-konvenuti jew min minnhom *ai termini* ta' Artikolu 997(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta nkluż billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet jiġu sodisfatti.

Illi min-naħa tagħhom l-konvenuti jeċċepixxu s-segwenti:

- l-ordni maħruġa lill-konvenuta nħarġet ħażin u dana minħabba li l-konvenuta Antonia Attard Gialanze' żżewġet fit-18 ta' Ottubru 2015 u saret Antonia Perini u b'hekk l-ordni li ħarġet lil Antonia Attard Gialanze' hija nulla u bla effett fil-liġi;

- li l-istruttura tal-injam li żżomm il-*corrugated sheeting* tneħħiet u ma għadhiex teżisti u konsegwentement il-konvenuta ma għandhiex tinsab ħatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

**<u>L-Ewwel Talba:</u>**
Illi permezz ta' din it-talba l-attur qed jitlob li l-konvenuti jew min minnhom jinstabu ħatja ta' disprezz minħabba li ma obdewx l-ordni tal-Qorti diversament preseduta hekk kif hawn fuq imsemmi.

Illi fir-rigward ta' din it-talba l-Qorti tinnota li waħda mill-konvenuti hija s-soċjeta' AAG Limited u ċioe' persuna ġuridika. Il-Qorti tinnota li huwa rikonoxxut li proċeduri ta' disprezz ma jistgħux jinbdew kontra persuna ġuridika u dana in vista tan-natura kriminali ta' dan il-proċediment. Il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fil-31 ta' Ottubru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti**

**tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 980/15 JRM fl-ismijiet John Ellul Sullivan et vs. Martan Limited et** (Numru 980/15/2), fejn il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Skond l-Artikolu 997 tal-Kapitolu 12, fi proċedimenti li jsiru minħabba att jew ommissjoni li tkun tammonta għal disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti, "il-ħati" jista' jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn €232.94 u mhux iktar minn €2,329.37. Skond l-Artikolu 1002:
>
> *"Meta l-ammenda jew il-multa ma titħallasx, l-ikkundannat jiskonta l-piena f'detenzjoni jew fi priġunerija bħal kif jingħad fil-Kodiċi Kriminali".*
>
> Huwa evidenti miż-żewġ artikoli surreferiti li l-kundanna trid bilfors tkun personali. Fil-każ in eżami l-effett huwa ta' priġunerija jew multa li jekk ma titħallasx tikkonverti ruħha f'detenzjoni. Din il-Qorti tagħmel tagħha l-konsiderazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni **George Demanuele vs. Philip Azzopardi et** nomine tas-27 ta' Ġunju 1997:
>
> *"Huwa ovvju li persuna legali ma tistax tiġi kkundannata għall-piena ta' detenzjoni u għalhekk is-sentenza kif mogħtija hija nulla. Illi proprjament jidher li l-proċedura ta' l-attur appellat ġiet istitwita ħażin minn punto di vista ta' dritt il-għaliex ma messhiex ġiet istitwita kontra s-soċjeta'".*
>
> Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti qed tikkonkludi li l-proċedura ta' disprezz ma tistax tiġi istitwita fil-konfront tas-soċjeta' intimata Martan Limited u dan għaliex ma jistgħux jitmexxew proċeduri ta' natura penali bħalma huma dawk ta' disprezz fil-konfront ta' persuni ġuridiċi."

Illi, in vista ta' dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti hija tal-fehma li dak li trid tiddetermina huwa jekk il-konvenuta Antonia Attard Gialanze' li jingħad li llum hija Perini għandhiex tinsab ħatja ta' disprezz b'dana illi s-soċjeta' AAG Limited ma kellhiex tkun parti

f'dawn il-proċeduri stante li huwa legalment impossibbli li soċjeta' tinsab ħatja.

Illi l-Qorti ser issa tistħarreġ l-eċċezzjonijiet imqajjma fir-Risposta Maħlufa.

L-Ewwel (1) Eċċezzjoni
(L-ordni nħareġ fuq isem ħażin):
Illi jiġi eċċepiet l-ordni in kwistjoni nħareġ fuq isem ħażin u dana minħabba li l-konvenuta Antonia Attard Gialanze' iżżewġet fit-18 ta' Ottubru 2015.

Illi apparti l-fatt li l-ordni tal-Qorti diversament preseduta hawn fuq imsemmija nħarġet fit-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) u ċioe' ftit jiem qabel li jingħad li l-konvenuta żżewwġet, il-Qorti tinnota li ma tressqet l-ebda prova dwar dan iż-żwieġ jew dwar it-tibdil fil-kunjom tagħha! Apparti li fl-affidavit imressaq mill-konvenuta ma jissemma xejn fuq dan il-punt u minkejja li jissemma dan fir-Risposta Maħlufa tagħha, il-Qorti tinnota li l-konvenuta setgħet faċilment tippreżenta ċertifikat taż-żwieġ tagħha b'dan illi l-Qorti setgħet tagħmel konsiderazzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, il-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni.

It-Tieni (2) Eċċezzjoni
(L-istruttura tal-injam tneħħiet):
Illi l-proċeduri ta' disprezz huma proċeduri li, minkejja li jsibu l-bażi legali tagħhom fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom indoli kriminali u għaldaqstant il-livell ta' prova li trid tinġieb mill-attur trid tkun tali li ma tħalli l-ebda dubju fil-moħħ tal-Ġudikant.

Illi riferenza sejra ssir għal sentenza mogħtija fis-7 ta' Mejju 2001 fil-kawża fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs. Lygia sive Luigia Saliba** (Numru 713/97), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Illi waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija dik li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex dik il-persuna tagħmel xi ħaġa, jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi

ħaġa. Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz għall-awtorita' li, bis-saħħa tagħha, dik l-ordni tkun ingħatat. Kif jgħallem Denning: *"This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt"* (cfr. In Re Bramblevale Limited (1970)];

Illi, minbarra dan, xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita' tagħha;

Illi, madankollu, dik l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le: is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx b'ordni oħra tal-Qorti nnifisha, huwa raġuni oġġettiva li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk ukoll stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null [ara. Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 t'Ottubru, 1997, fil-kawża fl-ismijiet *Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella* u s-sentenzi hemm imsemmija]." [emfażi miżjuda]

Illi dak li ngħad hawn fuq ingħad ukoll, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawża fl-ismijiet **Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs. Kristinu Giordmaina** (Numru 878/99/1).

Illi kawża magħmula *ai termini* ta' Artikolu 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta taqa' fl-ambitu tad-dmirijiet tar-Reġistratur li għandu l-obbligu li jipprova l-każ sal-livell rikjest f'kawżi kriminali.

Illi riferenza ser terġa ssir għal dak li ġie ordnat li jsir fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn ingħad hekk:

*"Il-Qorti tordna illi fi żmien ħmistax il-ġurnata millum titneħħa l-istruttura tal-injam li qed iżżomm il-corrugated sheeting li jinsab fuq it-terrazzin tas-soċjeta' konvenuta', u dan peress illi skond ma' diġa' rrelata l-perit tekniku, din l-istruttura hija perikolanti."*

Illi minn din l-ordni jirriżulta li:

- kellha titneħħa l-istruttura tal-injam li kienet qed iżżomm il-*corrugated sheeting*;

- u dan peress li din l-istruttura kienet perikolanti skont ma kien diġa' irrelata l-Perit Tekniku.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tixtarr il-provi mressqa quddiemha u dan b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza msemmija aktar 'il fuq.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ta' din il-kawża u ta' dik li l-atti tagħha ġew allegati ma' din il-kawża, u ċioe' dik bin-Numru 1086/2012 AF li ġiet deċiża fl-1 ta' Lulju 2020 u li tinsab fi stadju ta' appell, jirriżulta s-segwenti:

- Fl-ordni li tat din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) ma jirriżultax min eżattament kellu jneħħi l-istruttura tal-injam. Kien fil-verbal tas-seduta miżmuma fid-29 ta' Ottubru 2015 quddiem il-Perit Mario Cassar (*a fol.* 181 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) li l-konsulent legali tal-atturi f'dik il-kawża tgħid li l-konvenuta kellha tneħħi l-istruttura in kwistjoni. Jiġi nnutat ukoll li fil-verbal tas-seduta miżmuma fis-17 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 205 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) ġie verbalizzat li l-Qorti kienet qed tinsisti mal-konvenuti f'dik il-kawża biex jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tagħha.

- Meta l-Qorti diversament preseduta tat l-ordni fit-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 155 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) ma jirriżultax li l-Perit Mario Cassar kellu jkun preżenti meta kellha titneħħa l-istruttura tal-injam. Kien biss fis-sentenza finali mogħtija fl-1 ta' Lulju 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Ghiller et vs. AAG Limited et** (Numru 1086/2012 AF) li l-Qorti diversament preseduta ordnat lill-konvenuti f'dik il-kawża sabiex fi żmien tletin (30) mid-data ta' dik is-sentenza jneħħu l-balavostri tal-ġebel minn fuq il-ħajt diviżorju u jagħlqu t-tieqa fl-istess ħajt diviżorju taħt is-sorveljanza tal-Perit Mario Cassar.

- Mid-depożizzjoni mogħtija mill-Perit Mario Cassar f'dawn il-proċeduri jirriżulta li tneħħew il-balavostri u kif ukoll l-istruttura tal-injam. Dan jidher ukoll minn żewġ ritratti eżebiti minnu, liema ritratti ġew immarkati bħala Dok. "MC 1" u Dok. "MC 2" (*a fol.* 56 *et seq.*). Minkejja dan, ma jirriżultax meta eżattament tneħħiet l-istruttura tal-injam li kienet qed iżżomm il-*corrugated sheeting* u li ġiet ordnata li titneħħa kif hawn fuq imsemmi. Anzi, filwaqt li meta l-Perit Cassar ġie mistoqsi in eżami jgħid jekk l-ordni tal-Qorti ġietx obduta, huwa wieġeb: *"Ma jidhirlix li kienu tneħħew sa ħmistax-il ġurnata"* (*a fol.* 54), in kontro-eżami kkonferma li huwa mar fuq il-post tliet darbiet (darbtejn waqt il-kawża u darba oħra wara) u għad-domanda: *"mela ma tistax tgħid illi dawn il-proġetti ma tneħħewx fil-frattemp hux hekk, inkun korrett?"* (*a fol.* 55), wieġeb: *"Ma nistax ngħid mija fil-mija li tneħħew jew ma tneħħewx fil-frattemp"* (*a fol.* 55).

- Apparti li mid-depożizzjoni mogħtija mill-Perit Mario Cassar ma jirriżultax meta tneħħew kemm l-istruttura tal-injam li kienet qed iżżomm il-*corrugated sheeting* u kif ukoll il-balavostri, ma jirriżultax anqas jekk dawn tneħħewx flimkien jew f'istanzi separati!

- Minkejja li l-Perit Mario Cassar jgħid li huwa pprova jmur fuq is-sit iżda ma ngħatax aċċess, il-Qorti tinnota li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-perit milli jara l-istat tal-fatti mill-*pool area* tal-familja Ghiller. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja li l-Perit Mario Cassar qal li huwa pprova jmur fuq is-sit iżda ma ngħatax aċċess, da parte tagħha l-konvenuta tgħid li kull darba li l-perit innotifikaha li kien ser imur biex jagħmel spezzjoni, hi dejjem laqgħatu u fetħitlu.

- Fid-depożizzjoni mogħtija minn Joseph Ghiller huwa jispjega li ġurnata minnhom mingħajr pre-avviż sab ħaddiema jneħħu l-balavostri. Imkien fix-xhieda tiegħu ma jsemmi l-istruttura tal-injam. Dan huwa rifless ukoll fir-rapport (Dok. "JG 3" – *a fol.* 48 *et seq.*) li huwa għamel lill-Pulizija fis-27 ta Lulju 2020, f'liema rapport hemm indikat li fir-residenza tal-ġara tiegħu *"kien ser isir qlugħ ta' balavostri"* (*a fol.* 49). Ma tissemma bl-ebda mod l-

istruttura tal-injam li kien il-qofol tad-digriet tat-8 ta' Ottubru 2015 tal-Qorti diversament preseduta. Ma hemmx dubju li fid-depożizzjoni tiegħu Ghiller kien qed jirreferi għal dak li ordnat il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza finali tagħha mogħtija fl-1 ta' Lulju 2020 pero' dak mhux il-mertu tal-kawża odjerna.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u tenut kont tal-fatt li jirriżulta biss li fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 369 tal-kawża bin-Numru 1086/2012 AF) il-Qorti diversament preseduta ġiet infurmata li l-fdewwex tneħħew mill-attur kif awtorizzat u dana a spejjeż tal-konvenuti, il-Qorti ma jirriżultalhiex eżattament meta nqalgħet l-istruttura tal-injam li kienet ġiet ordnata li titneħħa fit-8 ta' Ottubru 2015.

Illi b'hekk isegwi l-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba tal-attur minħabba li ma ġietx pruvata sal-grad rikjest mil-liġi u ser tilqa' minflok it-tieni (2) eċċezzjoni kontenuta fir-Risposta Maħlufa.

**It-Tieni (2) Talba:**
Illi f'din it-talba l-Qorti tiġi mitluba sabiex tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom għall-pieni ndikati f'Artikolu 997(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li ma ġiex pruvat sal-grad rikjest mil-liġi li kien hemm każ ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti, b'hekk isegwi li ma hemmx ħtieġa li jiġu imposti l-pieni imsemmija f'Artikolu 997(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk din it-talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**It-Tielet (3) Talba:**
Illi f'din l-aħħar talba l-Qorti tiġi mitluba sabiex timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq il-konvenuti jew min minnhom *ai termini* ta' Artikolu 997(2) tal-Kapitol 12 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż li tiffissa żmien perentorju sakemm l-istess ordnijiet jiġu sodisfatti.

Illi in vista ta' dak li qalet il-Qorti aktar 'il fuq, ma hemmx ħtieġa ta' xi ordni ulterjuri u għalhekk din it-talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- tiċħad it-talbiet kollha tal-attur id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali;

- tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-konvenuti u

- tilqa' it-tieni (2) u t-tielet (3) eċċezzjoni kontenuta fir-Risposta Maħlufa.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-attur id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**